# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 12 ta' Lulju, 2023.**

**Numru 13**

**Rikors numru 391/16/1 RGM**

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C-3177)**

**v.**

**Dr. Yana Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud nominati b'digriet tal-14 ta' Lulju 2016 bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Emanuel Cassar; u b'digriet tal-15 ta' Ġunju 2017 ġie nominat Dr. Christopher Chircop sabiex jissostitwixxi lil Dr. Yana Micallef Stafrace**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-kuraturi tal-konvenut Emanuel Cassar kontra deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-28 ta' Marzu, 2019, fejn il-konvenut ġie kkundannat sabiex iħallas

lill-bank attur is-somma ta' €391,604.52, bl-imgħax bit-8% fuq is-somma kapitali ta' €317,212.04 mid-data tad-9 ta' Frar, 2015 sal-ħlas effettiv.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fis-16 ta' Mejju, 2016, il-bank attur fisser li huwa sellef is-somma ta' €350,000 lill-konvenut Emanuel Cassar b'kuntratt tas-17 ta' Lulju, 2008. Il-bank attur jgħid li l-konvenut ma żammx mal-programm tal-ħlasijiet biex jaqta' dan is-self u jippreċiża illi l-konvenut għandu jħallas is-somma ta' €391,604.52 maqsuma hekk: (i) €317,212.04 bħala bilanċ mill-ammont misluf lilu; u (ii) €74,392.48 bħala mgħax li laħaq inġema' sad-9 ta' Frar, 2015. Barra minn dan l-ammont, il-bank attur qal ukoll li jrid jiġbor mingħand il-konvenut l-imgħax legali mid-9 ta' Frar, 2015 sad-data meta d-dejn jitħallas kollu.

3. Minkejja li l-konvenut Cassar ġie mitlub biex iħallas dan id-dejn tiegħu, anke permezz ta' ittri uffiċjali tad-9 ta' Marzu, 2012 u tad-9 ta' Frar, 2015, dan baqa' ma ħallasx. F'din l-aħħar ittra uffiċjali, il-bank attur ġibed l-attenzjoni tal-konvenut li huwa kien waqa' lura fil-ħlas tal-pagamenti skont il-kuntratt u widdbu li jekk ma jħallasx dawn l-arretrati sa ħmistax-il jum min-notifika tal-ittra uffiċjali, il-bilanċ tas-self kien ħa jkollu jiġi mħallas kollu f'daqqa.

4. Fid-dawl ta' dan kollu, il-bank attur fetaħ din il-kawża u talab lil din il-Qorti sabiex:

> *«1. Tiddikjara illi l-konvenut huwa debitur fil-konfront tal-Bank attur fis-somma ta' tliet mija, wieħed u disgħin elf, sitt mija u erba' Ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (EUR 391,604.52);*
>
> *2. Tikkundanna, għar-raġunijiet hawn fuq premessi, lill-konvenut iħallas lill-Bank attur is-somma komplessiva ta' tliet mija, wieħed u disgħin elf, sitt mija u erba' Ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (EUR 391,604.52), salvi mgħaxijiet ulterjuri bit-tmienja fil-mija fuq is-somma kapitali ta' EUR 317,212.04 mid-9 ta' Frar 2015 sal-pagament effettiv.*
>
> *Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittri uffiċjali datati 9 ta' Marzu 2012 u d-9 ta' Frar, 2015, kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru preżentat kontestwalment kontra l-konvenut li huwa inġunt għas-subizzjoni.»*

5. B'digriet tal-14 ta' Lulju, 2016, l-Ewwel Qorti ħatret lill-Avukata Yana Micallef Stafrace u lill-Prokuratriċi Legali Veronica Rossignaud bħala kuraturi deputati sabiex huma jidhru għall-konvenut Emanuel Cassar minħabba li dan kien nieqes minn Malta.

6. Il-kuraturi deputati tal-konvenut daħħlu risposta fl-24 ta' Ottubru, 2016 u wieġbu hekk:

> *«Illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u għalhekk jirriżervaw id-dritt li jippreżentaw risposta motivata f'każ u jekk jiġu edotti mill-fatti.»*

7. B'digriet tas-26 ta' April, 2017, l-Ewwel Qorti ordnat il-bdil tal-Avukata Yana Micallef Strafrace minn kuratur tal-konvenut, minħabba li hi ma setgħetx tkompli taġixxi f'dan l-irwol peress li ġiet imlaħħqa Maġistrata. B'nota tal-15 ta' Ġunju, 2017, ir-Reġistratur Qrati Ċivili u

Tribunali għarraf lill-Ewwel Qorti, illi l-Avukat Christopher Chircop kien l-avukat li jmiss fil-lista tal-kuraturi.

8. L-Avukat Christopher Chircop bħala kuratur ġdid tal-konvenut ġie notifikat bl-atti tar-rikors maħluf fl-10 ta' Novembru, 2017 u għażel li ma jressaq l-ebda risposta.

9. B'sentenza tat-28 ta' Marzu, 2019, l-Ewwel Qorti qatgħet il-kawża hekk:

> *«1. Tilqa' l-ewwel talba, tiddikjara illi l-konvenut Emanuel Cassar huwa debitur fil-konfront tal-Bank attur fis-somma ta' tliet mija wieħed u disgħin elf, sitt mija u erba' Ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€391,604.52).*
>
> *2. Tilqa' t-tieni talba, tikkundanna lill-konvenut Emanuel Cassar iħallas lill-Bank attur is-somma ta' tliet mija wieħed u disgħin elf, sitt mija u erba' Ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€391,604.52), oltre l-imgħaxijiet ulterjuri bit-tmienja fil-mija fuq is-somma kapitali ta' €317,212.04 mid-9 ta' Frar 2015 sal-pagament effettiv.*
>
> *Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tad-9 ta' Frar 2015 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ppreżentat kontestwalment mal-kawża, kontra l-konvenut Emanuel Cassar; b'dan illi l-ispejjeż tal-kuraturi deputati għall-assenti għandhom jitħallsu provviżorjament mill-Bank attur.»*

10. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti biex iddeċidiet hekk huma dawn:

> *«Il-kawża odjerna tirrigwarda talba tal-Bank attur għall-kanonizzazzjoni ta' kreditu rappreżentanti bilanċ minn somma akbar, faċilità ta' self mogħtija mill-Bank attur lill-konvenut Emanuel Cassar in forza ta' kuntratt ta' self in atti Nutar Dottor Josette Spiteri Cauchi tas-17 ta' Lulju 2008. Dr Ralph Agius Fernandez prodott mill-Bank attur xehed illi l-konvenut kien qata' kull kuntatt minn mal-bank*

*għal numru ta' snin. Jirriżulta illi l-bank kien intavola ittra uffiċjali kontra l-konvenut fid-9 ta' Frar 2015 li ġiet notifikata fl-14 ta' Frar 2015 iżda pagamenti ma sarux.*

*Fl-udjenza tat-12 ta' April 2018 xehdet Doreen Cunningham illi spjegat b'dettall l-ammont kollu reklamat mill-Bank attur. Hija ppreżentat prospett dettaljat li juri l-ammont bilanċjali dovut lill-bank mill-konvenut (Fol. 97). Skont dan il-prospett l-aħħar pagament akkont li effettwa l-konvenut sar fis-sena 2010.*

*Wara li eżaminat il-provi kollha mressqa mill-Bank attur il-Qorti qed tikkonkludi illi l-pretensjonijiet tal-Bank attur ġew sodisfaċentement ippruvati.»*

11. Il-kuraturi deputati tal-konvenut appellaw biex titħassar din is-sentenza b'rikors imressaq fis-16 ta' April, 2019 u talbu sabiex it-talbiet tal-bank attur jiġu miċħuda, bi spejjeż doppji kontrihom.

12. Fl-ewwel aggravju tagħhom il-kuraturi qalu li l-ittra uffiċjali mibgħuta mill-bank attur fid-29 ta' Mejju, 2015 hija nulla għaliex din qatt ma ġiet notifikata lil Emanuel Cassar minħabba li l-kuraturi jgħidu li dak iż-żmien il-konvenut kien joqgħod fl-Awstralja u mhux f'Malta. Fit-tieni aggravju tagħhom, il-kuraturi jgħidu li ladarba din l-ittra uffiċjali ma tiswiex, allura l-imgħax ma kellux jitlaq.

13. Il-bank attur wieġeb fis-16 ta' April, 2019 u ta r-raġunijiet tiegħu għala dan l-appell għandu jiġi miċħud.

14. Inżamm smigħ fit-8 ta' Ġunju, 2023 u minn hemmhekk il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

15. Iż-żewġ aggravji mressqa mill-kuraturi tal-konvenuti għandhom x'jaqsmu mas-siwi tan-notifika tal-ittra uffiċjali tad-29 ta' Mejju, 2015.

16. Illi l-kuraturi deputati jallegaw fl-**ewwel aggravju** tagħhom li l-bank appellat kien jaf li l-konvenut Emanuel Cassar ma kienx jgħix f'Malta, dakinhar li ntbagħtet din l-ittra uffiċjali. Minħabba f'hekk, isostnu li l-ittra uffiċjali tad-29 ta' Mejju, 2015 ma tiswiex. Fit-**tieni aggravju**, il-kuraturi deputati mbagħad jgħidu li ladarba din l-ittra uffiċjali ma ġietx notifikata, allura l-bank appellat ma jistax jitlob l-imgħax. Jagħlqu l-aggravju billi jgħidu li l-bank appellat ma jistax jitlob imgħax fuq imgħax u li f'kull każ l-istess bank ma ressaqx prova ta' dak li huwa dovut.

17. Fuq ix-xaqliba l-oħra, il-bank appellat iwieġeb lura billi jsostni: (i) li huwa ressaq biżżejjed provi biex juri l-kreditu tiegħu; (ii) li l-kuraturi deputati ma ressqu l-ebda prova kuntrarja; (iii) li l-aggravji mressqa mill-kuraturi deputati huma kwistjonijiet li ma ġewx imqajma quddiem l-Ewwel Qorti; (iv) li l-ittra uffiċjali tad-29 ta' Mejju, 2015 ġiet notifikata lill-konvenuti permezz ta' kuraturi deputati; (v) li n-nuqqas fl-ittra uffiċjali, f'kull każ, ma twassalx għan-nullità tal-kawża; u (v) li l-imgħax fuq is-self huwa dejn kummerċjali, u għalhekk dan jitlaq minn meta d-dejn ikun dovut u mhux

minn meta tkun intbagħtet l-ittra uffiċjali.

18. Din il-Qorti sejra tibda billi tqis il-preġudizzjali mressqa fir-risposta tal-bank appellat, dwar il-fatt li l-aggravji tal-kuraturi deputati huma dwar punti li ma ġewx imqajma quddiem l-Ewwel Qorti.

19. M'hemmx dubju li xogħol il-Qorti tat-tieni grad huwa dak li tirrevedi dak li jkun ġie deċiż fis-sentenza li tkun ingħatat mill-Qorti tal-ewwel grad. Ifisser għalhekk li bħala prinċipju ġenerali, parti ma tistax tqajjem bħala aggravju f'appell xi kwistjoni li ma tkunx tqajmet quddiem il-Qorti li minnha jsir l-appell (ara fost ħafna oħrajn ***Seyba Aluminium Limited v. Grazio Debono et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Frar, 2023, ***Giovanna Pace v. Kummissarju tal-Pulizija et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Novembru, 2022 u ***Anthony Zarb et v. Emanuele Carabott et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ottubru, 2021).

20. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Carmel Tabone et v. David Tabone*** deċiża fil-31 ta' Jannar, 2003, din il-Qorti ma tistax tistħarreġ u tindirizza elementi ġodda li ma jirriżultawx fil-Qorti tal-ewwel grad għaliex: (i) tali stħarriġ jitlob is-smigħ ta' provi ġodda li ma jkunux jirriżultaw fl-atti tal-kawża; u (ii) li kull deċiżjoni dwar materja ġdida li ma kinitx il-mertu tas-sentenza appellata ttellef il-jedd tal-partijiet milli jkollhom eżami doppju fuq dik il-materja.

21. Illi dan il-prinċipju li ma jistgħux jitqajmu punti ġodda fl-appell, ma jgħoddx fil-każ ta' dawk is-sitwazzjonijiet u / jew eċċezzjonijiet fejn il-liġi tħalli li dawn jistgħu jitqajmu f'kull waqt tal-kawża, inkluż fl-istadju tal-appell.

22. Sewwasew fil-każ tagħna, iż-żewġ aggravji mressqa mill-kuraturi deputati jolqtu s-siwi tal-ittra uffiċjali tad-29 ta' Mejju, 2015. Issa jekk wieħed jifli l-atti tal-kawża, wieħed isib li l-unika risposta li ġiet imressqa mill-kuraturi deputati kienet dik tal-24 ta' Ottubru, 2016, fejn b'riħet l-**Artikolu 158 (7) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** ddikjaraw li l-fatti tal-kawża mhumiex magħrufa lilhom.

23. Rilevanti ħafna li għalkemm f'din ir-risposta, il-kuraturi rriżervaw il-jedd li jippreżentaw risposta motivata, jekk kemm-il darba huma jirċievu tagħrif li bih huma jkunu jistgħu jikkontestaw it-talbiet tal-bank attur, dawn baqgħu ma ressqu l-ebda risposta ulterjuri.

24. Barra minn hekk, mit-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet tal-għeluq li saru bil-fomm quddiem l-Ewwel Qorti fis-seduta tal-15 ta' Jannar, 2019, jirriżulta li l-Avukat Christopher Chircop bħala kuratur tal-konvenut ma semma xejn dwar in-nuqqas ta' siwi tal-ittra uffiċjali tad-29 ta' Mejju, 2015. Kulma ngħad fit-trattazzjoni min-naħa tiegħu huwa biss li waqt il-kawża,

huwa ppreżenta nota b'dokument biex juri li l-ittra li huwa kien bagħat lill-konvenut Emanuel Cassar b'rabta ma' din il-kawża, kienet ġiet irritornata lura. Mill-bqija huwa straħ fuq l-atti tal-kawża (ara paġna 119 tal-atti tal-kawża).

25. Għalhekk billi l-kuraturi deputati ma qanqlu l-ebda kwistjoni dwar il-validità tal-ittra uffiċjali tad-29 ta' Mejju, 2015 quddiem l-Ewwel Qorti, mhux sew li huma jqajmuha issa f'dan l-appell tagħhom. Dan aktar u aktar, meta wieħed iqis li fir-rikors maħluf lanqas biss tissemma l-ittra uffiċjali tad-29 ta' Mejju, 2015, iżda jissemmew biss l-ittri uffiċjali tad-9 ta' Marzu 2012 u tad-9 ta' Frar, 2015, li kopji tagħhom jinsabu f'paġni 14 u 15 tal-atti tal-kawża.

26. F'kull każ, il-kuraturi deputati ma fissrux fl-appell tagħhom x'rilevanza għandha l-ittra uffiċjali tad-29 ta' Mejju, 2015 fil-kuntest tat-talbiet tal-bank appellat. Fil-fatt anke fejn jidħol l-imgħax, l-Ewwel Qorti ddeċidiet fis-sentenza tagħha li l-imgħax bit-8% fuq is-somma kapitali ta' €317,212.04 għandu jitlaq mid-data tal-ittra uffiċjali tad-9 ta' Frar, 2015 u mhux mid-data tal-ittra uffiċjali tad-29 ta' Mejju, 2015.

27. Jiġi b'hekk, li ż-żewġ aggravji tal-kuraturi deputati dwar l-ittra uffiċjali tad-29 ta' Mejju, 2015 ma jistgħux iwasslu għat-tħassir tas-sentenza appellata, kemm għaliex is-siwi ta' din l-ittra uffiċjali qatt ma

tqajmet quddiem l-Ewwel Qorti, kif ukoll għaliex ma ntweriex x'rilevanza għandha din l-ittra uffiċjali fuq it-talbiet tal-bank appellat. Għalhekk sa fejn dawn iż-żewġ aggravji jmissu mal-ittra uffiċjali tad-29 ta' Mejju, 2015, dawn qegħdin jiġu mwarrba.

28. Sa fejn fit-tieni aggravju, il-kuraturi deputati jilmentaw dwar l-ammont mitlub mill-bank appellat, din il-Qorti tosserva li l-kuraturi deputati ma ressqu l-ebda prova li tmeri r-rendikont li ġie mressaq mill-bank appellat u li xehdu dwaru r-rappreżentanti tiegħu.

29. Wieħed ma jridx jinsa li rendikont bankarju, li juri x'daħal u x'ħareġ minn kont, huwa ktieb tal-kummerċ kif imfisser fl-**Artikolu 16 tal-Kodiċi tal-Kummerċ**. Barra minn hekk, l-**Artikolu 22(1)** tal-istess **Kodiċi** jgħid li, «*il-kotba tal-kummerċ, obbligatorji jew le, jagħmlu prova skont il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili*». Għalhekk, dawn ir-rendikonti jagħmlu prova sakemm ma jintweriex il-kuntrarju (ara ***Bank of Valletta p.l.c. v. Gozo Caterers Ltd et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Lulju, 2020).

30. Fil-każ tal-lum, il-kuraturi deputati ma ressqu l-ebda ħjiel ta' argument serju fl-appell tagħhom għaliex din il-Qorti m'għandhiex toqgħod fuq dan ir-rendikont. Għalhekk dan il-parti tal-aggravju qiegħed jiġi miċħud ukoll.

31. Jifdal biss li jiġi meqjus il-parti tal-aggravju tal-kuraturi dwar jekk jistax jinġabar imgħax fuq l-imgħax.

32. Dan jista' jsir skont l-**Artikolu 1142 tal-Kodiċi Ċivili**, li jgħid li l-imgħaxijiet magħluqa jistgħu jagħtu mgħaxijiet oħra, sew bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-artikoli ta' qabel dan, minn dakinnhar tat-talba ġudizzjarja għaldaqshekk jew bi ftehim li jsir wara li jagħlqu, basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, l-imgħaxijiet ikollhom jingħataw għal żmien ta' mhux anqas minn sena. Biex tali mgħax fuq l-imgħax ikun dovut, kulma jrid jintwera huwa li: (i) tkun saret talba b'att ġudizzjarju, sakemm ma jkunx jeżisti ftehim minn qabel li jipprovdi dwar imgħax bħal dan, u (ii) l-imgħax li dwaru jintalab l-imgħax irid ikun ilu dovut minn tal-anqas għal żmien sena (ara ***Cecil Pace et v. Emanuel A. Bonello C.P.A.A. noe*** deċiża mill-Qorti tal-Appell, 28 ta' Marzu, 2014).

33. Għalhekk anke dan l-aħħar parti tal-aggravju tal-kuraturi qiegħed jiġi mwarrab.

34. Din il-Qorti tagħlaq is-sentenza billi taqbel mal-bank appellat li dan l-appell huwa wieħed fieragħ u vessatorju; madankollu kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Awtorità Marittima ta' Malta v. Il-Kaptan Khaled Mohammed Elsayed Elbellasy nomine et*** deċiża fl-20 ta'

Marzu, 2006, hija ma tarax li tista' tapplika l-**Artikolu 223(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** ladarba l-appell tressaq minn kuraturi maħtura mill-elenku.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell imressaq mill-kuraturi deputati tal-konvenut Emanuel Cassar u tikkonferma s-sentenza appellata, bi spejjeż kontra l-konvenut.

Dwar l-ispejjeż tal-kuraturi deputati b'rabta ma' dan l-appell, il-Qorti tqis li ladarba r-rikors tal-appell kif imfassal mill-kuraturi deputati huwa wieħed fieragħ u vessatorju, allura huwa xieraq li huma ma jkollhomx dritt li jiġbru l-ispejjeż tagħhom dwar dan l-appell mingħand il-bank appellat.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Christian Falzon Scerri
Imħallef

Josette Demicoli
Imħallef

Deputat Reġistratur
rm